# Bl-Irħis

Vince Vella

Malta

Malli Fajsal waqaf jimpala r-ramel ġol-karretta, is-Senegaliż li kien imissu jaħdem miegħu dakinhar daħal jiġri biha għal ġol-blokk ta' l-appartamenti.

Fajsal straħ fuq il-pala u ta daqqa t'għajn madwaru. Ma kienu qed jogħġbuh xejn kif kienu sejrin l-affarijiet. F'temp ta' ġimgħa, mit-tmienja tas-soltu, il-gaj ta' ħaddiema kien tela' għal mill-anqas għoxrin. Kien hemm Kurdi, Tuneżini, Senegaliżi u xi tliet Eġizzjani bħalu: kollha kemm huma immigranti illegali, lesti jagħmlu dak kollu li jiġi għal idejhom imbasta jwarrbu biżżejjed flus biex ikollhom biex jaqsmu bejn Malta u Sqallija.

L-għoxrin appartament fil-blokk fejn kienu qed jaħdmu kienu waslu fl-aħħar. Kull ma kien fadal kien it-tqegħid tal-madum u l-kmamar tal-banju. Bħalissa kienu għaddejjin bla nifs inaddfu l-kmamar qabel jifirxu t-torba u jdaħħlu r-ramel u l-madum għal-lest. Malli jlestu Fajsal kien ikollu jfittex biċċa xogħol oħra.

Kien xogħol ta' qsim id-dahar. Għall-anqas, kull meta kien jidħol fil-blokk, ir-raġel tal-karretta kien jaqta' xi ftit mis-sħana qalila tax-xemx sajfija. Fajsal mesaħ l-għaraq u r-ramel minn ma' ġbinu u xejjer riġlejh biex ifarfar ir-ramel minn bejn subgħajh. Kien jaħdem ħafi, b'riġlejh midfunin fir-ramel abjad.

Minn fejn kien qiegħed seta' jisma' l-imgħallem jiċċaċċra max-xufiera tat-trakkijiet. Fajsal aktar għokritu għajnu. Fit-tliet xhur li kien ilu jafu, kull meta kien jasal il-Ġimgħa wara nofsinhar u jibda riesaq il-ħin biex iħallashom,

l-imgħallem kien idendel geddum sa l-art; donnu li mal-flus tal-pagi kienet toħroġlu ruħu – ħallik li min jaf kemm kienet tiġih aktar bl-għoli li kieku kellu jqabbad ħaddiema Maltin. Għalhekk ma setax jifhem kif dakinhar kien il-Ġimgħa u l-imgħallem kien qed jidħaq u jiċċaċċra!

Fajsal beda jgħodd fuq subgħajh: tmien ħaddiema għal Ġimgħa sħiħa, imbagħad, iġbed ħa, tnax oħra għal tlett ijiem, kienu jagħmlu somma ġmielha. Reġa' xejjer rasu. Ma kienet qed togħġbu xejn – xejn.

Hekk kif lemaħ lil Kablan ħiereġ mill-blokk dar u reġa' beda jimpala r-ramel. Kablan, Tuneżin ta' Gabes, kien raġel m'ogħla hawn. L-imgħallem kien poġġieh fuq il-ħaddiema l-oħra biex ikun jista' jfehemhom xi jrid minnhom u jara li ma jitlajjawx. Kien jgħaddi l-jum sħiħ jiġri warajhom, jaħlef u joffendihom bl-Għarbi biex idaħħaq lix-xufiera.

Fajsal kompla jimpala r-ramel ġol-karretta u xi kultant jixħet xi ħarsa minn taħt lejn it-Tuneżin u l-imgħallem li kienu bilwieqfa fid-dell jitkellmu minn taħt l-ilsien. L-imgħallem ta daqqa t'għajn lejn l-arloġġ u xejjer rasu. Fajsal qatagħha li kienu xi t-tlieta u nofs – kien fadal aktar minn siegħa biex jieqfu minn idejhom. Kablan għolla ħarira spallejh u telaq biex jara l-ħaddiema fiex kienu waslu, ikaxkar riġlejh donnu xi ors imħeddel bis-sħana tax-xemx.

Ma kinetx għaddiet nofs siegħa li Fajsal ma semax xi għajat ġej min-naħa ta' wara tal-blokk. Is-Senegaliż li kellu miegħu għolla rasu maħsud. Wara ftit feġġ Kablan, ixejjer dirgħajh u jgħajjat kemm jiflaħ li kienet intlemħet il-pulizija.

Harbu. Qabżu l-ħitan tas-sejjieħ u rħewlha jiġru b'kemm kellhom ħila qalb l-għelieqi battala ħlief għal xi ħaxix niexef u siġar tal-bajtar. Taħt riġlejh Fajsal ħass il-ħamrija tikwi u t-tingiż tax-xewk u l-ġebel irqiq. Il-qorq kien ħallieh warajh. Kompla jiġri sakemm il-blokk appartamenti ma baqax jidher aktar.

Fajsal mxieha sa Buġibba fejn kien jaqsam żewġ kmamar ma' ħamest irġiel oħra. Inxteħet fuq is-saqqijiet li kien hemm mifruxa ma' l-art. Hassu għajjien u bla ħeġġa ta' xejn. Ġimgħa xogħol mormija mar-riħ! La hu u lanqas ħadd minn dawk li kienu jaħdmu miegħu ma kienu jaslu biex jerġgħu jmorru lura lejn dak il-blokk appartamenti. Tgħid minnu li l-pulizija kienu rrejdjaw il-blokk? Min jaf? Mhux l-ewwel darba li Fajsal kien sema' b'bużullotti bħal dawn. Kien x'kien, ma seta' jagħmel xejn. Iżda forsi l-aktar li tatu ġewwa kienet li kellu jkun proprju wieħed minnhom, imsejken daqshom, li kompla ma' l-imgħallem biex jagħmlilhom azzjoni bħal dik.

Fajsal dar gozz fuq ġenbejh u tgħatta rasu b'kollox bil-liżar.